HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn Kullimkien

L-GHAXAR SENA Nru. 56 LULJU/SETTEMBRU 1981

EDITORJAL

IL-FESTA TAGHNA

Waslet il-Festa! Dan jixhduh it-tibjid tal-faċċati u ż-żebgħa ta' twieqi u bibien ta' ħafna mid-djar tar-raħal; l-armar u l-fustuni fit-triqat prinċipali u ħafna u ħafna affarijiet oħra. In-nies donnha tiżdied fil-każini u l-attività tibda ġmielha! Il-Festa tgħaqqad il-Balzanin kemm li jgħixu Malta kif ukoll barra minn Malta fi ħsieb wieħed — l-imħabba u d-vozzjoni lejn il-Lunzjata! Il-Festa hija prova ta' kemm il-Balzanin iħobbu 'l-Madonna, Omm ta' Min Ħalaqna u Salvana!

Fil-ġranet tal-Festa jiżżejnu t-toroq, issir mixegħla liema bħalha; il-knisja titlibbes l-isbaħ ilbies u armar li ħallewlna l-maħbubin missirijietna u jitħejja logħob tan-nar li huwa attrazzjoni għall-eluf ta' turisti li jżuru r-raħal f'dawn il-jiem ta' Festa!

Qrara sinċiera u Tqarbina, nhar il-Festa jkomplu jsaħħu d-devozzjoni li għandu jkollna lejn il-Lunzjata u ċerti li ċ-ċapċipa ta' l-aħħar, nhar il-Ħadd fil-għaxija fuq iz-zuntier tal-Knisja, qabel ma l-Vara tidħol, tkun tislima safja, xhieda ta' Mħabba lejn Dik li waqt "li kienet kollha miġbura" u dehrilha l-Anġlu Gabriel biex iħabbrilha li kellha tkun Omm Alla, wieġbet ħiemed, ħiemed, "Ikun Minni Skond Kelmtek!"

VIVA MARIJA ANNUNZJATA!

F'dawn il-ġranet ta' Festa f'Ħal Balzan, f'din is-sena ddedikata lill-Inkapaċitati, tajjeb li wieħed jiftakar li fid-Djar f'Tal-Provvidenza jinsabu jgħixu tfal u żgħażagħ li huma mentalment kif ukoll fiżikament inkapaċitati. Hemm min isejħilhom "żvinturati", iżda min hu midħla tagħhom isejħilhom "anġli", "ġawhar", u "teżori" prezzjużi.

Hemm lista twila ta' oħrajn li qegħdin jistennew li jirċievu l-għajnuna, kura u attenzjoni speċjali; bil-għajnuna tal-Benefatturi, id-Djar ikunu jistgħu jilqgħu aktar inkapaċitati. Tafu x'inhi l-"KATINA TA' MĦABBA?" Inti fil-ġenerożità tiegħek, tagħżel ġurnata tas-sena u toffri għall-inqas £M50 għall-manteniment tal-maħbubin "anġli". Id-Direzzjoni, fil-ġurnata li tkun għażilt, toffri, skond l-intenzjoni tiegħek jew għas-suffraġju ta' xi ruħ għażiża, il-Quddiesa, it-talb, ix-xogħol, is-sagrifiċċji u t-tbatija innoċenti ta' dawn l-"anġli" tagħhom.



L-ISTATWA TA' MARIJA SANTISSIMA ANNUNZJATA LI L-ARTIST MALTI MASTRU SALV DIMECH, MOSTI MLAQQAM IS-SARC, NAQQAX FL-INJAM FIS-SENA 1868. F'DAN IR-RITRATT, L-ISTATWA TIDHER QABEL SARILHA XI TIBDIL META ĠIET INDURATA FL-1930.

NICCELEBRAW JUM IL-FESTA, IT-12 TA' LULJU KIF TASSEW JIXRAQ.

TURA
DEDICATED TO PROGRESS
12 HOUR SERVICE FOR COLOUR FILMS

TOP SHOP
(Salvu Deguara)
FI TRIQ IL-KBIRA
L-AHJAR HANUT TAL-GROCER F'HAL BALZAN

BALZAN BUTCHER SHOP
FALZON BROS.
107, MAIN STREET, BALZAN

'HAL BALZAN'
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'
c/o Każin tal-Banda "San Gabriel" Hal Balzan.
Stampat fil- Lux Press Hamrun.

X'GARA FOSTNA

APRIL 1981

Nhar il-Hadd, 5 t'April, saret fiera matul il-ġurnata kollha b'riżq il-Knisja Parrokjali. Id-dħul minn din il-fiera, li kienet organizzata mill-Kumitat Finanzjarju tal-Parroċċa, immexxi mis-Sinjura Marian Grima, kien ta' £M567.50ċ.

Il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa bdew minn nhar l-Erbgħa, 8 tax-xahar, bil-festa tal-Via Crucis. Il-Ġimgħa, 10 t'April, saret il-festa tad-Duluri tal-Madonna, bil-proċessjoni devota fis-6.00 p.m. Għal din il-purċissjoni, attendew bħas-snin l-imgħoddija għadd kbir ta' nies flimkien mal-membri tal-għaqdiet u l-każini tal-Parroċċa, hekk li l-knisja bil-kemm wesgħet in-nies kollha li qagħdu għall-quddiesa wara l-purċissjoni. Din il-quddiesa ssir għal ruħ il-Konti Bernardu Manduca li ħalla l-fundazzjoni u l-fratellanza tad-Duluri.

Il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa ssoktaw il-Hadd ta' wara bil-funzjoni ta' Hadd il-Palm. Tul dik il-ġimgħa, li għaliha tqassam programm stampat mill-Kappillan fid-djar kollha tal-Parroċċa, saret is-solita Via Sagra fit-toroq tal-Parroċċa, iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Hamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira, u Sibt il-Għid, li l-attendenza għalihom kienet bħas-soltu sabiħa. Tul il-Hdud qabel Għid il-Kbira tkomplew il-laqgħat tar-rakkont tal-Passjoni bis-'slides' fil-kappella tal-Bon Pastur mill-membri tal-Museum.

MEJJU 1981

NHAR IL-HADD, 3 TA' MEJJU, SARET IĊ-ĊERIMONJA TAT-TFAL MAGHŻULIN MILL-MUSEUM TAS-SUBIEN. DIN SARET FIL-KAPPELLA TAS-SORIJIET TAL- BON PASTUR U GHALIHA KIENU MISTEDNIN IL-ĠENITURI.

F'din is-sena ddedikata b'mod speċjali lill-inkapaċitati, sar Sale kbir b'riżq id-Djar tal-Provvidenza tas-Siġġiewi. Dan sar fiċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika tax-Xebbiet bejn nhar it-Tlieta, 28 ta' April, u l-Ġimgħa, 8 ta' Mejju.

Tul dan ix-xahar tkomplew fil-Parroċċa l-laqgħat ta' katekiżmu għall-kbar u għaż-żgħażagħ, kif ukoll il-laqgħat għall-ġenituri u t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma.


Nhar il-Ġimgħa, 22 tax-xahar, saret fil-Parroċċa l-festa ta' Santa Rita ta' Cascia, organizzata miċ-Ċirkolu tan-nisa ta' l-Azzjoni Kattolika. Il-quddiesa ta' fil-għaxija kienet kantata bil-priedka. Għan-nisa wkoll sar irtir fid-dar "Ir-Ragħaj Tiegħi" tas-sorijiet tal-Bon Pastur. Dan sar nhar l-Erbgħa, 27 ta' Mejju, u tmexxa minn Fr. David Azzopardi MSSP.

Il-korteo devot bl-istatwa tal-Madonna din is-sena sar nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju. Beda mill-Museum tas-Subien fis-7.15 p.m. u fih ħadu sehem it-tfal, l-abbatini, il-Kappillan u l-kleru, kif ukoll għadd sabiħ ta' nies. Tul it-triq ingħad ir-Rużarju bil-kant, bl-akkumpanjament ta' xi 'accordions', u mbagħad fil-Knisja saru kelmtejn ta' l-okkażjoni minn membru tal-Museum, saret Ċelebrazzjoni Ewkaristika, u ttellgħu wkoll xi premjijiet fost dawk preżenti.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

INTERVISTA MA' FR. JOE BORG M.S.S.P.

FL-OKKAŻJONI TA' L-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI NHAR IL-11 TA' LULJU 1981



1. Father Joe, tista' tgħidilna x'wasslek biex tħaddan il-ħajja saċerdotali fis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl?

Jien naħseb li kien il-Kulleġġ li s-Soċjetà għandha fir-Rabat li ħajjarni biex insir reliġjuż saċerdot fi ħdan is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Fiż-żmien li għaddejt hemmhekk stajt nara l-imħabba fraterna ta' bejniethom kif ukoll it-"team-work" ta' bejniethom biex jedukaw it-tfal. Barra minn dan sa minn ċkuniti ħassejt li għandi ngħin nies li huma inqas ixxurtjati minni, b' mod speċjali dawk tal-missjoni.

2. Tista' ssemmi xi nies jew xi ċirkustanzi f'ħajtek li għenuk biex tagħmel din l-għażla tal-vokazzjoni saċerdotali?

Sa minn mindu kont tifel ħassejt ix-xewqa li nsir saċerdot. Jiena naħseb li l-fatt li kont abbati, li kont immur il-Mużew u li kont nattendi l-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl għenuni biex niddeċiedi sabiex nagħżel din it-triq.

3. Jekk m'iniex sejjer żball, inti dħalt fis-Soċjetà ta' San Pawl f'Settembru 1971. Tul dawn is-snin, x'tip ta' edukazzjoni u formazzjoni ħadt fi ħdan is-Soċjetà?

Ftit wara li dħalt, għamilt in-Novizzjat u wara sena letteratura fejn komplejt nistudja studji akkademiċi. fl-1973 bdejt il-Folosofija fl-I.N.S.E.R.M. fejn domt sentejn, u fl-1977 bdejt it-Teoloġija fejn domt erba' snin. Fil-formazzjoni tagħna ġeneralment nieqfu sentejn mill-istudji li normalment isiru bejn l-istudju tal-filosofija u tteoloġija. F'dawn is-sentejn wieħed jaħdem f'xogħol li għandha s-Soċjetà i.e. fil-Kulleġġ jew fl-Istitut ta' San Ġużepp jew fl-Oratorju f'Birkirkara. Dawn iservu sabiex wieħed jipprova l-vokazzjoni tiegħu, jissaħħaħ fil-karattru u jkollu esperjenza tax-xogħol tas-Soċjetà. F'dawn is-sentejn jiena ħdimt fost it-tfal ta' l-Istitut ta' San Ġużepp u qalb iż-żgħażagħ ġewwa l-Oratorju f'Birkirkara. Dawn servewni biex nara aktar mill-qrib il-problemi ta' tfal illeġittimi jew ta' familji mfarrka, kif ukoll ħadt ukoll idea ta' x'jitlob xogħol qalb iż-żgħażagħ b'mod speċjali f'youth centre. Fil-formazzjoni tagħna wkoll qed jingħata ċ-ċans li wieħed jagħmel xi esperjenzi. Dawn jistgħu jkunu jew ta' tip akkademiku, bħal korsijiet fil-lingwa Taljana, jew ta' tip missjunarju, bħal dawk fl-Indja. Jiena kelli ċ-ċans li mmur f'Palermo fejn għal xahar ħdimt mas-sorijiet ta' Mother Theresa. Ix-xogħol tiegħi kien jikkonsisti f'li nieħu ħsieb it-tfal fis-'Summer School' li jorganizzawlhom u għajnuna lix-xjuħ li hemm igħixu fil-kunvent. Barra dan, wieħed jingħata ċ-ċans li jiżviluppa t-talenti tiegħu, li fil-każ tiegħi kienu l-mużika u affarijiet liturġiċi.

4. Issa li, bil-għajnuna t'Alla, se tordna saċerdot, x'inhuma l-ħsibijiet li jiġuk f'moħħok f'din l-okkażżjoni hekk qaddisa u importanti fil-ħajja tiegħek?

Meta nħares lura u nara minn xiex għaddejt biex wasalt s'hawn, nara kemm Alla huwa Mħabba u li bi ftit kuraġġ u determinazzjoni, magħquda flimkien mal-fidi f'Alla, wieħed jista' jagħmel ħafna affarijiet sbieħ għall-Mulej. J'Alla bil-għajnuna t'Alla u t'Ommu Marija, kif ukoll bil-għajnuna tal-ministeru saċerdotali, inkompli nagħmel 'something beautiful for God', kif tgħid Mother Theresa.

5. Father Joe, naf li inti qiegħed taħt regola u nifhem li l-volontà t'Alla fuqek tintwera permezz tas-superjuri. Biss, li kellek tagħżel it-tip ta' ħidma li tixtieq fi ħdan il- Knisja, x'tagħżel?

Jiena nixtieq li fejn jibagħtuni s-superjuri tiegħi nkun nista' nagħti aktar spinta lill-afarijiet liturġiċi. Matul iż-żmien tal-formazzjoni kelli ċ-ċans neżerċita dan u naħseb li nista' nwettqu.


6. Għandek xi messaġġ partikulari li tixtieq twassal lill-Balzanin u lill-qarrejja ta' din il-gazzetta, b'mod speċjali lil dawk żgħażagħ?

Jien ħassejt is-sejħa tiegħi ġo Hal Balzan u żgur kien l-ambjent li sibt fir-raħal li kompla għenni biex naqbad din it-triq. Għalhekk ngħidilkom grazzi ta' l-eżempju tajjeb li tajtuni. Ma' dan inżid li kellha effett sabiħ fuqi l-festa li norganizzaw għad-unur ta' Marija Annunzjata. Għalhekk ngħidilkom, Balzanin ħuti, fittxu li l-ħajja tagħkom nisranija tkun mibnija fuq it-tagħlim ta' Ġesù u fuq l-eżempju t'Ommu Marija. B'dawn iż-żewġ affarijiet quddiemkom fittxu li dak li tagħmlu fil-festa jħalli l-frott mixtieq u mhux tkun okkażżjoni biss ta' darba fis-sena; sabiex b'hekk joħorġu aktar vokazzjonijiet mir-raħal tagħna.

Liż-żgħażagħ ngħidilhom biex ma jħallux lid-dinja tmexxihom u biex ma jaqtgħux qalbhom. Iftħu qlubkom għal Kristu, kif qalilna l-Papa Ġwanni Pawlu II; kunu ġenerużi m'Alla u Alla żgur jagħtikom dak kollu li jkollkom bżonn.

Il-Bambin iberikkom.

SYLVANA PSAILA TIRBAH KOMPETIZZJONI



L-Uffiċju Populari Għarbi Libjan f'Malta kien nieda kompetizzjoni bl-ingliż dwar il-kunċett tal-ħelsien fil-Ktieb l-Aħdar u t-tliet forom supplimentari tiegħu — politika, ekonomija u soċjali, kemm fuq skala nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Il-kompetituri li kienu bosta, kellhom jiktbu essay fuq dan, ta' mhux anqas minn għoxrin faċċata ttajpjata.

Il-ġurija li stħarrġet ix-xogħlijiet kollha, minħabba li ħasset li x-xogħlijiet ma laħqux il-livell mistenni ma tatx l-ewwel premju li kien żjara ta' ġimgħa fil-Gemeħerija, biss għażlet ix-xogħol ta' Sylvana Psaila, l-iżgħar fost il-parteċipanti, tfajla ta' 13-il sena minn Hal Balzan li toqgħod f'12 Triq San Rokku u li kienet tattendi l-iskola tal-bniet ta' Sta. Venera, bħala l-aħjar wieħed ippreżentat, u għalhekk issuġġeriet li ċ-ċekk ta' £M250 jiġi mogħti lilha. Barra dan il-premju, kien hemm premijiet oħra ta' £M200; £M100 u £M50 li ntrebħu minn tfal oħra. Għall-premju tagħha Sylvana marret għal ċerimonja speċjali organizzata mill-Iskola Libjana f'Malta f'egħluq tas-sena skolastika tagħhom. Aħna nifirħulha u nixtiqulha aktar suċċessi f'kompetizzjonijiet oħra.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Twieldu għall-grazzja bil-Magħmudija

Raymond Cachia, bin Salvatore u Josephine.
Mark Anthony Mallia, bin Salvatore u Mary.
Jalna Micallef, bint Michael u Phyllis.
Rachel Gauci, bint David u Claire.
Phyllis Cauchi, bint Joseph u Jane.
Michele Sarlo, bin Mario u Doris.
Alison Mifsud, bint Joe u Doris.
Robert Michael Aquilina, bin Edward u Anita.
Joseph Vasallo, bin Joe u Dorothy.
Jonathan James Borg, bin Eric u Marian.
Denise Bonnici, bint Peter u Maria.
Jennifer Camilleri, bint John u Josephine.
Claire Pace Balzan, bint Anthony u Ninette.
Tiziana Micallef, bint Frank u Margaret.
Nadine Fava, bint Louis u Josephine.
Aaron Luke Sciberras, bin Raymond u Pauline.
Michael Pio Deguara, bin Francis u Josephine.
Nicoletta Maria Spiteri Maempel, bint Mario u Anna.
Garth Galea, bin Joe u Mary Grace.

Qaddsu mħabbithom biż-Żwieġ nisrani

Noel Vassallo u Nathalie Sant Fournier.
Kenneth Cassar u Anna Maria Pisani.

Għaddew għall-ħajja ta' dejjem

Luigi Muscat.
Annunziata Demicoli.
Suor Giuseppe Casha, tal-Bon Pastur.
Berta Muscat.
Thomas Orr.
Philip Camilleri.
Nellie Gauci Borda.
Marian Azzopardi
Valentina Sciberras.

L-ewwel ħames snin:

L-IZVILUPP MENTALI TAT-TFAL

minn Adrian Camilleri Flores B.A. (Hons.)

L-aħħar darba għidna li mhux veru li wħud jitwieldu intelliġenti u oħrajn injoranti. Għidna li aħna lkoll nitwieldu ugwali fil-kapaċitajiet mentali tagħna (m'għandniex xi ngħidu, ħlief dawk l-imsejknin li jitwieldu mentalment inkapaċitati.)

Huwa veru li wħud jilħqu professuri, avukati, managers, eċċ. waqt li oħrajn jispiċċaw kundutturi, kenniesa jew xi ħaġa simili. Huwa veru wkoll li diġa' fl-iskola ssib min moħħu jagħtih u min moħħu ma jagħtihx — u mhux biss fis-sekondarja iżda anke fil-primarja u saħansitra fil-kinderkarten.

Iżda dan ma jindikax li wħud jitwieldu kapaċi u oħrajn le. Jindika biss li fl-ewwel snin ta' ħajjithom uħud jitrabbew f'ambjent fejn il-moħħ jiżviluppa ħafna waqt li oħrajn jitrabbew f'abjent fejn il-moħħ jiżviluppa ftit; u li minħabba f'hekk dawn ta' l-aħħar ser jibqgħu żvantaġġjati matul ħajithom kollha.

Naraw għaliex.

Il-bniedem, mill-ewwel mument tal-konċepiment tiegħu, huwa ipprogrammat biex jiżviluppa u jimmatura. Iżda dan l-iżvilupp ma jsirx bl-addoċċ. Kollox għandu ż-żmien preċiż tiegħu, u jekk xi parti tal-ġisem jew xi kapaċità mentali għal xi raġuni ma titħalliex tiżviluppa fi żmienha. tispiċċa biex jew ma tiżviluppa xejn jew ma tiżviluppax biżżejjed.

Ħa nieħdu eżempju. Dari n-nobbiltà Ċiniża kienet tiġgosta n-nisa b'saqajhom żgħar. Għalhekk il-ġenituri ħadu d-drawwa li jinffaxxjaw is-saqajn tal-bniet adolexxenti ta' ċerta eta' sabiex waqt li l-bqija tal-ġisem jibqa' jiżviluppa, is-saqajn jibqgħu l-istess daqs. Wara ftit snin kienu jneħħu l-faxxi. Is-saqajn ta' dawn il-provri bniet mhux biss kienu jkunu għadhom żgħar, iżda kienu jibqgħu dejjem żgħar, għax iż-żmien għall-iżvilupp tagħhom kien ikun għadda.

L-istess jgħodd għall-iżvilupp mentali. Biex nuru kemm hu veru dan, ħa nieħdu l-aktar każ estrem u rari: il-każ ta' min jitwieled normali iżda għal raġuni jew oħra ma jkollux (jew ma jingħatax) l-opportunità li jitgħallem jitkellem fl-età ġusta, jiġifieri fl-età meta t-tfal jitgħallmu jitkellmu. X'jiġrilu dan? Jiġrilu li ma jitkellem qatt. Jistgħu jġibulu l-aqwa għalliema, iżda jkun kollu għal xejn. L-età ġusta tkun għaddiet, u l-kapaċità mentali li biha nitgħallmu nitkellmu tkun spiċċat għal kollox.

Darb'oħra forsi nistgħu naraw xi każi ta' tfal li ġralhom hekk; tfal bħal Victor li nstab jgħix bħal annimal f'foresta Franċiża fl-1799, jew bħal Amala u Kamala li nstabu jgħixu mal-lpup fl-Indja fl-1920.

Zaghzugh fuq tieghu

novella ta' Carmel Attard

Ġorġ kien żagħżugħ fuq tiegħu; żagħżugħ li la huwa aħjar u lanqas agħar miż-żgħażagħ ta' żmienu. Huwa kien trabba ma' nanntu li, bħall-biċċa l-kbira tax-xjuħ, iħobbu jfissdu mhux ftit, b'hekk huwa akkwista ċerta mħabba żejda lejh innifsu u arja ta' "ara minn imissni".

Meta għalaq l-erbatax beda joqgħod ma' missieru u ommu u biż-żmien induna illi missieru għalkemm kien it-tifel ta-nanntu xejn ma kellu minnha. Tassew missier Ġorġ kien fula maqsuma ma' nannuh. Beda jinduna wkoll li għalkemm ommu kienet iġġieldet ma' nanntu fuq elf ħaġa, ibda minn werqa nagħniegħa sa kwistjoni ta' razza u m'hux razza, kien hemm fiha bħal f'nanntu dak it-tradizzjonaliżmu konservattiv li ma jemminx b'bidla.

Huwa kien it-tifel iż-żgħir. Ħutu kważi kollha kienu miżżewġa u l-aħħar xebba kienet ġa għarusa meta Ġorġ daħal igħix fid-dar ta' missieru. Oħtu, għalkemm seba' snin akbar minnu, malajr indunat li Ġorġ ma kienx it-tip ta' tifel pupu u ma tantx setgħet tagħmel arja minħabba fih għax il-kelma ta' Ġorġ malajr kienet titfagħha fin-niċċa ta' tfajla mistħija li kienet.

Pero' ż-żmien għadda wkoll fuq Ġorġ u billi ma kienx tifel imgerrex malajr għamel ħbieb, li la kienu l-ħin kollu jżebbgħu l-kuruna u min-naħa l-oħra lanqas li tgħid kienu ħżiena. Xi kelma baxxa 'l hawn u 'l hemm, s'intendi milli jkunu semgħu, xi tisfira lil xi tfajla ħelwa u min-naħa l-oħra ċertu ammont ta' rispett lejn ir-reliġjon; din kienet il-kwalità ta' kumpanija li qabad. Maż-żmien ġralu bħal ma jiġrilhom il-bnedmin kollha: beda jħobb. L-ewwel waħda, u ngħid l-ewwel għax il-kwalità ta' tfajla li ried Ġorġ ma tantx issibhom bil-gżuż, ma damx xahar ikellimha. Huwa għall-ewwel kien jibda jkellem lit-tfajla bis-serjetà, pero' mbagħad meta jara li d.k li ikun ikellem ma tgħoddx għalih, jibda jsib elf skuża biex jiskarta u povra tfajla li tkun iġġenet warajh.

S'intendi Ġorġ imbagħad kien iħuf għal xi oħra, din id-darba kien jaħseb, mhux dak it-tip rieqed u kajman, waħda fuq tagħha u li tista' ssejħilha mara. mara fil-mod kif taħsibha u kif iġġib ruħha.

Issa Ġorġ kellu t-tnejn u għoxrin sena tiegħu. Darba fost l-oħrajn ix-xemx ħamra kienet nieżla wara l-erbat idjar tar-raħal u t-triq kienet imdawla bl-aħħar raġġi sofor tax-xemx. Kienu saru xi s-sebgħa u Ġorġ kien nieżel bil-mod lejn il-pjazza biex jaqbad is-soltu karozza biex imur il-Belt u jagħmel is-soltu għażla. Iżda d-destin ried li l-karozza lebbtet lejn il-Belt ftit minuti qabel ma Ġorġ wasal il-pjazza. Ġorġ intefa' fuq bank ta' l-injam jaħseb liema hu l-aħjar mezz biex jasal il-Belt malajr. F'salt wieħed:

"Skużi, ma tafx tgħidli jekk il-karozza telqitx hux?" Dan kien il-leħen ta' ċertu tfajla mir-raħal, u li kieku ma kenitx mir-raħal in-nies kienu jgħidu li hi tfajla sabiħa.

"Jiddispjaċini ħafna, sinjorina, iżda l-karozza telqet ftit minuti ilu għax anke jien tliftha." wieġeb Ġorġ.

"Uff, xi dwejjaq!" kompliet tgħidlu "l-arloġġ tiegħi juri s-sebgħa eżatti, għax irregolajtu mar-Rediffusion qabel ma ħriġt, pero' dawn ix-xufiera għandu jkun għandhom arloġġ għalihom".

"Hares lejn l-arloġġ tal-Knisja, għandu żewġ minuti 'l quddiem.'"

Ġorġ ma kienx bniedem li jaħsibha darbtejn u filwaqt li l-oħra baqgħet tredden kontra x-xufiera, il-kundutturi, il-karozzi, saħansitra kontra l-kappillan għax l-arloġġ tal-knisja kellu 'l quddiem, Ġorġ beda jinnota li wara kollox m' hemmx għalfejn wieħed imur il-Belt biex isib tfajla idejali. Hawn kienet quddiem; jisimha Miriam, kunjomha Buhagiar, għandha tlieta u għoxrin sena, fuq tagħha u b'saħħitha, skrivana mal-Gvern, familja tat-tajjeb. (missierha uffiċjal għoli tal-Gvern), sabiħa f'wiċċha u f'qalbha. Tgħiduli kif sar jaf dan kollu Ġorġ? Dik il-konverżazzjoni kif għidtilkom iddeġenerat ruħha f'suġġetti li ma kellhomx x'jaqsmu xejn mal-karozzi. Ftit wara Ġorġ u Miriam infirdu, pero' ftehmu li l-għada jiltaqgħu ħdejn il-bieb ta' Putirjal.

L-għada filwaqt li bħal dejjem ix-xemx ħamra kienet nieżla wara d-djar tas-soltu, il-figura sewda ta' Ġorġ dehret nieżla mit-triq li tagħti għall-misraħ tar-raħal, Ġorġ kien imdawwal kollu bid-dija mhux għax hu sejjer il-knisja imma għax id-dawl deħbi tax-xemx kien fuqu sewwa. Ġorġ din id-darba ma tilifhiex il-karozza għax wasal nofs siegħa qabel. Fuq il-karozza telgħet ukoll il-maħbuba tiegħu, pero' kif kienu ftehmu ma qagħdux ħdejn xulxin minħabba l-ilsien velenuż tan-nies tar-raħal. Hija saħansitra rrifjutat li tiltaqa' miegħu kif niżlu l-karozza Putirjal. "Niltaqgħu ħdejn il-Qorti l-ġdid" qaltlu.

Xi ħames minuti wara kienu t-tnejn ħdejn il-bini nofsu lest tal-Qorti Malti. Quddiemhom sewwa kien hemm il-monument tal-gwerra, warajhom kolonna tal-Qorti għadha tielgħa u ħdejhom għaġna ta' ramel u xaħx li l-ħaddiema kienu ħallew warjhom.

"Ġorġ", qaltlu b'leħen ta' kmand Miriam "Smajt li ġa kont tkellem xi nofs tużżana oħra, minnu jew le?"

"Min jien ?Jiena f'ħajti qatt ma erfajt għajnejja mill-art, lanqas qatt ma naf li dort fuq xebba u għidtilha 'Bongornu'. Naħseb li min qallek hekk xi

(ikompli f'paġna 4)

SALVU BRINCAT

IRONMONGERY AND ELECTRICAL GOODS

175, MAIN STREET, BALZAN

MARY'S HOUSE

7, CASTILLE PLACE, VALLETTA

(near Upper Barracca Gardens)

LEADING STORE IN MALTA LACE MANUFACTURING

Souvenirs and Malta weave,
Postcards,
Ceramics,
Wooden Dgħajsas,
Maltese National Dolls.

A visited is solicited. Tel: 21337

L-ISBAH ROKNA TA' HAL BALZAN

WAHDA MIT-TRIQAT EW LENIN TA' HAL BALZAN GHANDHA ISEM LI MA SSIBU FL-EBDA TRIQ OHRA F'MAL TA U GHAWDEX, ISEM HELU U KURJUŻ, TRIQ IT-TLIET KNEJJES.

Dan l-isem tnissel mit-tliet knejjes li sa ftit snin ilu kienu mrekknin ma' xulxin f'din it-triq, jiġifieri dik tal-Lunzjata l-qadima, ta' Santu Rokku u ta' San Anard, imdawrin ma' pjazza żgħira u salib fuq kolonna tal-ġabel, li flimkien joħolqu waħda mill-isbaħ imkejjen fil-gżira tagħna. Imma rrid ngħid mhux biss post mill-isbaħ imma mill-aktar pittoresk, tant li bosta pitturi pinġewh bħala post tipiku ta' raħal Malti. L-istess għamlu bosta fotografi, u dan għamluh minkejja l-faqar ta' l-arkitettura tal-knejjes bil-linja sempliċi tagħhom li jixhdu l-faqar ta' dan ir-raħal antik u żgħir, imma interessanti għall-ambjent Malti ta' żmenijiet imbiegħda.

Illum ir-raħal ħa sura oħra, sura ta' belt, ifuħ bil-kotra tal-ward u ż-żahar tal-larinġ li fih kotrana, kif igħid il-motto tiegħu: "Imdawwar bil-Ġonna minn kullimkien".

Ir-raħal twieled u trawwem ma' dwar il-knisja antika tal-Lunzjata, li l-Balzanin għarfu jgħożżu għal sekli sħaħ kif tassew jixraq, meta bosta bliet u rħula kissru l-ewwelin knejjes biex flokhom bnew oħrajn ġodda. Mhux hekk għamlu l-Balzanin meta ħtiġilhom jibnu knisja ġdida u akbar f'ġieh il-Lunzjata; dawn bnewha fi pjazza oħra u b'hekk salvaw it-tliet knejjes qodma u s-salib tal-parroċċa. kif ukoll l-ambjent pittoresk ta' din ix-xaqliba bikrija tar-raħal.

Forsi xi ħadd jistaqsi: Għaliex dawn it-tliet knejjes inbnew hekk qrib xulxin, u għaliex semmewhom għall-Madonna tal-Lunzjata u l-qaddisin Rokku u Nardu?

Għandna nifhmu li l-ewwel knejjes tagħna, ibda mill-Kattidral sa l-iżgħar kappella fil-kampanja, kienu kollha jġibu l-isem tal-Madonna, u fost it-titoli l-aktar qodma kien dak tal-Lunzjata, meħud mill-Vanġelu ta' San Luqa; kien l-eqdem tifkira ta' Omm Alla fil-liturġija mqaddsa. U l-Balzanin kienu xortihom tajba li l-qassisin tagħhom għażlu dan it-titolu għall-knisja ewlenija tagħhom. Meta nbniet din il-knisja għall-ewwel darba ma nafux, imma biss nafu li kienet ġa qadima waqt iż-żjara ta' Mons. Dużina fl-1575, u li kienet ukoll wara l-ħerba li saret minnhom mit-Torok fi żmien l-Assedju l-Kbir tal-1565.

Irridu niftakru li l-Balzanin ma kenux waħedhom li kellhom il-knisja tagħhom bl-isem tal-Lunzjata; irridu wkoll ngħidu li huma kellhom knisja oħra b'dan l-istess isem devot tal-Lunzjata f'dan in-naqra ta' raħal, skond ir-rapport ta' Mons. Dużina, u dan juri kemm kienu devoti ta' dan il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni Divina.

Knejjes oħra kienu ta' San Mikiel u ta' Santa Marija Assunta, waqt li dawk ta' Santu Rokku u San Anard ma jissemmewx. L-Assunta reġgħet inbniet mill-ġdid waqt li dik ta' San Mikiel spiċċat għal kollox.

Il-knisja ta' Santu Rokku nafu li nbniet fl-1593 wara l-waqfien tal-pesta li qerdet bosta nies, meta dan il-qaddis Franċiż kien meqjus bħala protettur tal-mard li jittieħed u għalhekk bnewlu għadd ta' knejjes, fosthom fil-Belt, il-Birgu, Birkirkara, Ħaż-Żebbuġ, H'Attard, u fuq is-sur tal-Furjana. Santu Rokku kien qaddis mikul bil-mard, u għalhekk sar il-protettur tal-mard li jittieħed. U billi Malta kienet imsallba bil-mard tal-pesta minn żmien għal żmien, fejn ma sarux knejjes għal Santu Rokku saru statwi fin-niċeċ u xbihat tiegħu mpittra ma' qaddisin oħra fuq l-artali, bħalma nsibu fil-knejjes tal-Gudja, Ħaż-Żabbar, Ħal Għargħur, il-Mosta u Ħal Lija.

Niġu issa għall-knisja ta' San Anard li għalkemm fadal sehem minnha, hija spiċċat minn knisja u nbidlet f'dar, iżda l-isem tat-tliet knejjes baqa' b'tifkira ta' l-istorja. Il-knisja ta' dan il-qaddis, protettur ta' l-ilsiera, kienet inbniet minn Nardu Agius fiċ-ċimiterju ta' maġenb il-knisja tal-Lunzjata ftit taż-żmien wara ż-żjara ta' Mons. Dużina qrib it-tmiem tas-seklu 16, biex Nardu Agius juri mħabbtu lejn il-qaddis ta' ismu, iżda aktarx b' wegħda għall-ħelsien tiegħu mill-jasar, billi dari Malta kienet tbati mhux biss bil-mard tal-pesta imma wkoll bl-attakki tal-Misilmin, minn żmien għal ieħor, li minnhom saru bosta meta ħafna Maltin kienu jinqabdu lsiera u jittieħdu lejn it-Turkija jew Barbarija, fejn kienu jaraw tbatija kbira. Jingħad li San Anard intgħażel bi protettur ta' l-ilsiera għax ħeles lil wieħed gwerrier Nisrani mill-jasar ta' Emir Tork b'miraklu. Il-qaddis deher lill-Emir u wiegħdu li jekk jeħles lil dak in-Nisrani mill-jasar il-qaddis stess igħinu fil-ġlieda li l-istess Emir kellu mas-Sultan Tork. L-Emir sama' mill-qaddis, ħeles lill-gwerrier Nisrani u tassew rebaħ il-ġlieda li kellu. Minħabba din il-ġrajja, lill-qaddis narawh impinġi bil-ktajjen tal-jasar ħdejh, u nafu li kellu knejjes fin-Naxxar, il-Mosta, Birkirkara, tal-Mensija, Ħal Kirkop, Bulebel, Ħal Qormi, Bubaqra u ż-Żurrieq, li tniżżlu fir-rapport ta' Mons. Duzina fl-1575. Nafu wkoll li żmien wara nbnew knejjes oħrajn għall-qaddis, fosthom Ħaż-Żabbar.

Minn dawn il-knejjes naraw kemm kienet kbira d-devozzjoni tal-Maltin lejn dan il-qaddis minħabba l-biża tal-jasar li kien imdendel fuq rashom il-ħin kollu.

Iżda ta' min jiskanta li għandu wieħed isib dejjem knisja tal-Lunzjata fil-qrib tal-knejjes li semmejna ta' dan il-qaddis. Insibu wkoll li l-knejjes tal-Lunzjata tar-Rabat u tal-Mensija jissejħu bl-isem magħqud tal-Lunzjata u San Anard li jidhru fl-inkwatru ta' fuq l-artal tagħhom.

Il-kwadru tal-Mensija huwa kurjuż ħafna għax juri lil San Anard fin-nofs bejn il-Madonna u l-Anġlu, waqt li l-kwadri tal-wegħda li fadal f'din il-knisja mħaffra fil-balt juru xeni ta' grazzji maqlugħa u x-xbihat tal-Lunzjata u tal-qaddis waqt li xi oħrajn juru jew il-Lunzjata biss jew il-qaddis biss. Hija kif inhija, jidher li hemm rabta kbira bejn id-devozzjoni tal-Lunzjata u dik ta' San Anard. Fil-kwadru li kien hemm fil-knisja tal-qaddis f'Ħal Balzan, San Anard kien jidher flimkien ma' San Pawl u l-Madonna bil-Bambin f'idejha, waqt li f'artal tal-ġenb fil-knisja tal-Lunzjata f'Ħal Tarxien narawh ukoll ma' ġenb il-Madonna bil-Bambin u qaddisin oħra. Nafu wkoll li fil-kwadru l-antik tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żazbar kien hemm ukoll ix-xbiha tiegħu mal-Madonna u San Pawl għax billi dan ir-raħal kien qrib il-baħar kien f'periklu kbir tal-ħbit tal-għedewwa u kellu bżonn ta' protezzjoni kbira mill-Madonna, l-Omm spiritwali ta' l-Insara, San Pawl, il-missier tal-Maltin, u San Anard, il-protettur tal-ħelsien mill-jasar.

RAFEL BONNICI CALI
Hal Tarxien, 1981.

• minn paġna 3.

ħadd jobgħodni". Ġorġ ma setax ikompli għax warajh jilmaħ l-ewwel xebba li ħabb.

"Jaħasra", qabżet qalet dixxebba, li x-xitan kien qala' ma nafx minn fejn, "povru ġuvni, temmnux għax lil kull xebba dejjem kien igħidilha li hi l-ewwel waħda".

Wara ftit, mingħajr ma kellu żmien jiftaħ ħalqu, Ġorġ sab ruħu ġo l-għaġna tat-tajn. Kien minn ġo l-għaġna tat-tajn li Ġorġ iddeċieda li jibqa' ġuvni.

IL-GAWWIJA L-HAMRA

Bil-qiegħda fuq blata, inħares lejh.
Irrabjat, konfuż, imwerwer,
Mirbuħ quddiem il-blat żonqri.

U gawwi jittajjar u jpaċpaċ, bla ma fhimtu.
Oħra riesqa mill-bogħod, weħidha!
Gawwija ħamra, ħamra bħad-demm.

U werżqu l-oħrajn; il-baħar siket għal mument.
Kompliet iddur il-gawwija l-ħamra,
Qattret fuqi d-demm, demm aħmar, demm sħun.

Niżlet ħdejja u qaltli:
"Mirduma, mejta, miġugħa, bla dar, bla familja."
Ma weġibtx!

Harist 'il fuq u għajjatt: "Mulej ħniena!"
Mal-għajta l-gawwija taret fis-sema,
Tittama li tgħix, tittama li tibjad.

Joe Vella
4/1/81

ROKNA GHAT-TFAL

Li kelli nistaqsikom jekk tħobbux il-festa tal-Lunzjata, żgur li kull wieħed u waħda minnkom tweġbuni 'iva'. U ngħidilkom li għandkom raġun, għax min ma jħobbhiex il-festa ta' pajjiżu? Mhux intom it-tfal biss tħobbuha l-festa, imma anki aħna l-kbar, u lkoll kemm aħna nkunu ilna nistennewha minn xhur qabel.

Il-festa tal-Lunzjata hija festa kbira, mhux għax in-nies ta' Hal Balzan nafu niċċelebrawha bil-kbir imma għax fiha nfakkru ġrajja importanti ħafna fl-istorja tad-dinja. Din hija meta l-Iben t'Alla għoġbu jiġi fid-dinja, isir bniedem bħalna, u jinqeda bil-Madonna, li aċċettat li ssir l-Omm tiegħu. Din il-ġrajja kienet il-bidu tal-ħelsien tagħna mid-dnub. U l-Balzanin ta' l-antik għażlu dan l-episodju mill-ħajja tal-Madonna bħala t-titular tal-Parroċċa tagħna.

Però, għeżież tfal, biex il-festa tal-Lunzjata niċċelebrawha kif jixraq u nagħtu pjaċir lil Ommna Marija u 'l Binha Ġesù hemm bżonn li l-festa għalina tkun festa qaddisa. Tul il-ġimgħa tal-festa jeħtieġ li nersqu l-knisja kuljum u nieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru. Hekk inkunu qrib ħafna tal-Madonna, u meta nieqfu nħarsu lejn l-istatwa sabiħa tal-Lunzjata, niftakru li l-Madonna ta' veru, li tinsab fil-ġenna biex taqbeż għalina, hija ħafna isbaħ mix-xbihat tagħha fuq din l-art. B'dan il-mod, il-festa tiswielna ta' ġid kbir għal ruħna.

Hija ħaġa sabiħa wkoll li fil-festa niddevertu u nieħdu pjaċir bl-armar, bil-baned u n-nar. Biss, tfal għeżież, oqogħdu ħafna attenti minn xi periklu, l-aktar waqt li jkun qed isir xi logħob tan-nar.

Nixtieq minn qalbi l-FESTA T-TAJBA lilkom u lill-familji tagħkom kollha.

MOLLY'S GUEST HOUSE
FIRST CLASS
BED AND BREAKFAST
72, BALZAN VALLEY,
BALZAN — MALTA
Telephone 41296

STARLETS
284, High Street, Balzan
STATIONERY, TOYS, PAPERBACKS,
NEWSPAPERS AND
CIGARETTES
Telephone: 41644